TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 110/16/F

**Gordon Schembri**

**vs**

**Vodafone Malta Ltd.**

Illum 29 ta' Novembru, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-30 ta' Mejju, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' seba' mija u disgħa u tletin ewro (€739), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li ġralu l-ħsara diversi drabi ftit wara li nxtara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *mobile phone* ġdid mingħand id-ditta ntimata *I-Phone 6* u kellu l-ħsara fl-i*speaker*, u wara li ħadu sabiex jissewwa, reġa' nqalagħlu l-ħsara.

It-Tribunal ordna li dan il-*mobile phone* jissewwa, u dan reġa' mar għalih iżda reġa' bil-ħsara.

Id-ditta ntimata offrewlu *mobile phone* refurbished u r-rikorrenti m'aċċettax.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li ra illi r-rikorrenti kellu inkonvenjent b'dan il-*mobile phone* u li d-ditta ntimata minkejja li ppruvat issewwih xorta baqa' bil-problema, jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550), b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888